DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

StudentBounty.com

**L-EWWEL SENA** **STORJA** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**1. Ħares lejn dawn is-sorsi u għid għal kull wieħed jekk dan huwiex sors primarju jew sekondarju.**




Sors A: Programm fuq ir-radju dwar l-istorja

______________________________



Sors B:Manuskritt tal-Medjuevu

______________________________



Sors Ċ: Statwa ta' żmien ir-Rumani

______________________________



Sors D: ritratt antik

______________________________

**(Total: 4 marki)**

**2. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

2.1 F'liema seklu qegħdin ngħixu? ____________________(1)

2.2 Xi jfissru l-ittri W.K. ? ____________________ (1)

2.3 Xi jfissru l-ittri Q.K. ? ____________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2.4 F'liema sekli jaqgħu dawn is-snin?
eż: 560 W.K. is-<u>6 seklu W.K.</u>

2.4.1 328 W.K. ____________________ (1)

2.4.2 41 Q.K. __________________ (1)

2.4.3 134 W.K. ___________________ (1)

**(total 6 marki)**

**3. Sib SITT żbalji f'dan il-paragrafu u agħmel sing taħthom. L-ewwel waħda hija eżempju.**

Jien tfajjel ngħix **fil-preistorja.** Għandi għaxar snin. Ilbieraħ qomt kmieni, <u>xgħelt ir-radju</u> u mort nieħu banju. Mort għall-kaċċa ma' missieri. Ħadna s-senter magħna. Ommi stennietna niġu lura bil-karozza tal-linja. Kif wasalna, xgħlet il-kuker tal-gass u kilna xi ħaġa tajba. Flgħaxija morna kollha sat-tempju biex nisimgħu l-quddies. Wara qgħadna naraw programm sabiħ fuq it-televixin u morna norqdu.

**(Total: 6 marki)**

**4. Ikteb jekk hux VERU jew FALZ.**

4.1. Il-gwerer bejn Ruma u Kartaġni jissejħu l-Gwerer Puniċi. ________________________

4.2. Fi żmien ir-Rumani, Malta kienet magħrufa għall-produzzjoni tal-għasel. _________________

4.3. It-tempju f'Tas-Silġ kien iddedikat lil Zeus. ________________________________________

4.4. Ir-Rumani kienu jemmnu f'alla wieħed. __________________________________________

4.5. Il-fdalijiet ta' San Pawl Milqgħi jinsabu f'Burmarrad. _________________________________

4.6. Ruma u Kartaġni ġġieldu erba' gwerer kbar kontra xulxin. ____________________________

4.7. Il-Kartaġeniżi kienu ġejjin mill-Afrika t'Isfel. _______________________________________

4.8. Fi żmien ir-Rumani kien hemm ħafna nies jgħixu fir-Rabat (Malta). ____________________

4.9. Ġulju Ċesri għamel ħafna rebħiet fl-Ingilterra u Franza. ______________________________

4.10. Is-soċjetà Rumana kienet maqsuma bejn is-sinjuri u l-foqra. ___________________________

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**5. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

5.1. L-Imdina ħadet l-isem li għandha fi żmien (ir-Rumani, il-Kartaġeniżi, l-Għarab). (1)

5.2. Il-lingwa Maltija hija lingwa (semitika, rumanza, tewtonika). (1)

5.3. Fdal importanti ta' żmien Puniku huwa ċ-ċippus. Fil-Gżejjer Maltin instabu (3, 2, 4) ċippi bħal xulxin. (1)

5.4. Għaliex il-fdalijiet li nsibu mill-qedem huma importanti għall-istudju tal-istorja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

5.5. Agħmel sinjal taħt it-**tliet** postijiet fejn instabu fdalijiet ta' vilel Rumani.
(tas-Sliema, iż-Żejtun, ir-Rabat, San Ġiljan, San Pawl Milqgħi, Ħal Tarxien) (3)

5.6. Semmi post fil-Belt Valletta fejn jitqiegħdu fdalijiet tal-fuħħar mill-passat ħalli jkunu jistgħu jarawhom in-nies.

______________________________________________________________ (1)

5.7. Ir-Rumani taw il-gżejjer l-isem ta' (Malta, Maltum, Melita). (1)

**(Total: 10 marki)**

**6. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



Fl-istampa qegħdin naraw għar fil-Gżejjer Maltin.

6.1. Dan l-għar instab fil-limiti ta' (Birżebbuġa, Ħal Luqa, Tas-Sliema) (1)

6.2. X'jismu l-għar li qiegħed tara fl-istampa?

______________________________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

6.3. Dan l-għar hu ta' (Żmien il-Bronż, Żmien il-Preistorja, Żmien l-Għarab).

6.4.Semmi żewġ tipi ta' annimali li l-fossili tagħhom instabu f'dan l-għar.

________________________________________ (2)

6.5.Fi Żmien il-Bronż inbena ħajt difensiv madwar villaġġ preistoriku ftit 'il bogħod mill-għar li jidher fl-istampa. Dan il-post jismu (Borġ in-Nadur, Skorba, Ħal Tmiem). (1)

6.6.In-nies ta' dawk iż-żminijiet kienu jagħmlu użu minn affarijiet (tal-plastik, tal-ħġieġ, tal-fuħħar). (1)

6.7.Kieku kont tgħix fi żminijiet preistoriċi, agħti raġuni waħda l-għala ma kontx tieħu gost tgħix f'għerien bħal dawk li jidhru fir-ritratt.

________________________________________ (1)

**(Total: 8 marki)**

**7. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



Fl-istampa qiegħed tara fdal li ħallewlna r-Rumani.

7.1. X'qiegħed tara f'din l-istampa?

________________________________________(1)

7.2. L-oġġett fl-istampa jinsab f'mużew importanti tal-fdalijiet Rumani fir-Rabat ta' Malta. X'jismu dan il-mużew?

________________________________________(1)

7.3. Malta għaddiet f'idejn ir-Rumani wara li kienet f'idejn (l-Għarab, il-Feniċi, il-Kartaġeniżi). (1)

7.4. Ir-Rumani kienu jħobbu jgħixu ħajja komda. Nafu dan għaliex instabu fdalijiet ta' (banjijiet, *supermarkets*, uffiċini, *gyms*). (1)

7.5. Fil-Gżejjer Maltin instabu fdalijiet tar-Rumani li juru li fi żmienhom kien isir ħafna (ħobż, għasir taż-żebbuġ, tkabbir tal-qoton). (1)

7.6. Kieku kont Malti tgħix f'Malta fi żmien Kajju Verres, ikteb fil-qosor għaliex Verres għandu jittella' l-qorti.

________________________________________

________________________________________ (2)

7.7. Semmi fdal ieħor li nstab fil-Gżejjer Maltin ta' żmien ir-Rumani.

________________________________________ (1)

**(Total: 8 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**8. Ħares lejn l-istampa u wieġeb.**



8.1.Din il-lapida hija magħrufa bħala l-Ħaġra ta' Majmuna. Fejn nafu li ġejja minn żmien l-Għarab?

______________________________________________

______________________________________________(2)

8.2. Ħafna Għarab jemmnu fir-reliġjon __________________. (1)

8.3. Din ir-reliġjon xandarha (Mosè, Ġesù, Muħammed). (1)

8.4. Liema kienu ż-żewġ reliġjonijiet l-oħra li, flimkien ma' dik tal-Għarab, bdew mir-reġjun tal-Mediterran?

______________________________________________ (2)

8.5. Semmi żewġ affarijiet li l-iktar ifakkruna fil-ħakma Għarbija f'Malta llum.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

8.6. Agħmel sinjal taħt il-post fejn instabu l-aktar fdalijiet ta' żmien l-Għarab f'Malta:
ir-Rabat, Tas-Sliema, San Ġiljan. (1)

8.7. Il-mexxej tal-Għarab f'Malta kien jissejjaħ (il-prinċep, il-kaptan, il-qajd). (1)

**(Total: 10 marki)**

**9. Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

"Biex niktbu l-istorja jeħtieġ l-istudju u l-għajnuna ta' ħafna nies. Fost dawn insibu l-arkeoloġi. Xogħolhom huwa li jikxfu fdalijiet tal-imgħoddi speċjalment dawk minn żminijiet qabel ma kienet tinkiteb l-istorja. L-arkeologu jipprova jifhem l-użu li kellhom il-fdalijiet li jinstabu u b'hekk jurina kif kienu jgħixu n-nies tal-passat."

9.1. X'inhu x-xogħol tal-arkeologu?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

9.2. Ikteb tliet affarijiet li jista' jsib arkeologu waqt li jkun qiegħed iħaffer f'sit preistoriku.

______________________________________________ (3)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

9.3. Sir Temi Zammit, arkeologu Malti, sab ħafna affarijiet ta' interess fit-Tempji ta' Ħal Tarxien. Dawk il-fdalijiet huma (sorsi sekondarji, sorsi primarji).

9.4. Għaliex taħseb hekk?

________________________________________________________________ (1)

9.5. Hemm ħafna differenzi bejn il-bniedem ta' żmien il-preistorja u l-bniedem tallum. Semmi **tliet** differenzi kbar bejn żmien il-preistorja u ż-żminijiet li ngħixu fihom.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________(3)

9.6. Għaliex taħseb li għandna nieħdu ħsieb il-fdalijiet mill-passat?

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2)

**(Total: 12-il marka)**

**10. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



L-istatwa li qiegħed tara fl-istampa saret fil-Greċja Antika.

10.1. Ta' liema materjal taħseb li hija magħmula din l-istatwa?
(injam, irħam, bronż) (1)

10.2. X'turi din l-opra tal-arti fuq il-bniedem li għamilha?

________________________________________________ (1)

10.3. Din l-istatwa hija sors (primarju, sekondarju). (1)

10.4. Il-Griegi ħolqu (3, 4, 5,) stili ta' arkitettura. (1)

10.5. Platun, Sofokle u Aristotli kienu (skulturi, filosofi, pitturi). (1)

10.6. Aqta' sinjal taħt tliet oqsma li żviluppaw il-Griegi.
(It-telekomunikazzjoni, il-matematika, l-isport, id-drama, it-telefonija ċellulari, it-trasport pubbliku) (3)

10.7. L-isport f'ġieħ l-allat kien isir qrib il-muntanja (Pilatus, Everest, Olimpus). (1)

10.8. (Sirakuża, Ruma, Kartaġni) kienet kolonja tal-Griegi. (1)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**11. Agħżel TNEJN u ikteb paragrafu ta' madwar 6 sentenzi fuq kull tema li tagħżel.**

11.1. L-Eġittu u l-Eġizzjani tal-qedem

11.2. Il-Feniċi

11.3. Il-miġja ta' San Pawl f'Malta

11.4. Kif kien jgħixu l-ewwel nies li ġew Malta

11.5. Żjara li għamilt f'xi tempju

11.6. It-twemmin tal-bniedem fil-preistorja

**(8 marki x 2 = 16-il marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers